A.L. 105 ta' l-1980

ATT TA' L-1975 DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA (ATT NRU. XXXV TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Rati ta' Pustaġġ għal Barra minn Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Rati ta' Pustaġġ għal Barra minn Malta, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1979 dwar ir-Rati ta' Pustaġġ għal Barra minn Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 117 ta' l-1979

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1981.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-figuri "6c" u "7c" li hemm fit-tielet kolonna taħt "Kartolini" fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-figuri "7c" u "8c" rispettivament.